**TRIBUNAL GHALL-INVESTIGAZZJONI TA` INGUSTIZZJI**

**IMHALLEF**

**ONOR. C. FARRUGIA SACCO B.A., LL.D.**

Rikors Numru: 869/97

Carmelo Xuereb

vs

Chairman Posta Limited

Illum 12 ta' Frar, 2002.

It-Tribunal,

**RIKORS:**

Ra r-rikors li bih ir-rikorrent wara li ppremetta illi bejn id-9 ta' Mejju 1987 u l-15 ta' Mejju 1995, u b'mod aktar preciz fi jew ghall-habta ta' l-1987 huwa sofra ingustizzja f'li ma nghatatx promozzjoni.

Illi l-fatti tal-kaz kienu fil-qosor kif gej:

Huwa dahal mad-Dipartiment tal-Posta fl-1956, bhala postman, fejn dejjem qeda dmiru u ghamel xogholu sewwa. Fl-1987 huwa applika ghal grad ta' Mail Inspector. Huwa ma nghatax din il-

promozzjoni izda nghata lil 12 minn nies ohra li xi whud minnhom kellhom inqas seniority u esperjenza minnu.

Huwa hass li gie mtellef din il-promozzjoni ingustament minhabba t-twemmin politiku tieghu.

Kieku huwa ma giex imtellef din il-promozzjoni kien jircievi pensjoni ahjar milli qieghed jircievi bhal issa.

Illi huwa kien bi hsiebu jgib biex isostni l-ilment tieghu lix-xheida murija fl-elenku li jindika ghar-rigward ta' kull xhud dawk il-fatti li r-rikorrent kien bi hsiebu jgib prova dwarhom bix-xhieda tieghu.

Ghaldaqstant ir-rikorrent talab lil dan it-Tribunal li jisma' u jiddeciedi dwar dan l-ilment skond l-Att ta' l-1997 dwar it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji, u li jinghata rimedju billi jigi ordnat li jithallas kumpens f'ammont ta' Lm5000.

Ra l-elenku tax-xhieda tar-rikorrent.

**ECCEZZJONIJIET:**

Ra r-risposta ta' l-Agent Post Master General li eccepixxa:

Illi l-Kumpanija Posta Limited giet likwidata fl-4 ta' Lulju 1997 u l-Postmaster General assuma r-responsabbilitajiet tal-Ufficcju tal-Postmaster General b'effett mill-istess data.

Illi l-ezami li sar fl-1987 u li kien validu ghal sena biex jimtlew il-postijiet vakanti ghall-grad ta’ Mail Inspector kien sar fuq direttivi tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku (P.S.C.) skond ir-regolamenti dwar l-istess Kummissjoni tas-Servizz Pubbliku. Infatti wara sejha ghall-applikazzjonijiet fl-11 ta’ Awissu, 1987, ghal mili ta’ grad ta’ Mail Inspector il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku hatret bord ta’ intervista ta’ tlett minn nies biex jezaminaw l-applikanti. Dan il-Bord ghamel ir-rapport tieghu lill-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku fid-19 ta’ Novembru 1987. (Kopja tar-rapport u rizultat annessi). Il-Postmaster ta’ dak iz-zmien is-Sur Alfred Costa f’ittra li baghat lill-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku qabel mar-rapport tal-Bord ta’ l-ghazla. (kopja annessa) Ghaldaqstant ma tirrizultax fondata l-allegazzjoni fis-sens li r-rikorrent gie mtellef il-promozzjoni ngustament.

Madankollu wara li thabbar ir-rizultat kellu dritt jaghmel petizzjoni taht il-1.1.7 tal-Estacode. (kopja annessa)

Ra l-elenku tax-xhieda u d-dokumenti prezentati mill-intimat.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema’ lix-xhieda biul-gurament.

Sema’ l-abili difensuri.

**PROVI:**

Ikkunsidra

Illi r-rikorrent ipprezenta affidavit li fih semma li dahal jahdem il-posta fl-1956 bhala postman u spicca f'Lulju 1990 boarded out ghal raguni medika. Fl-1990 lehaq Mail Officer u spicca bhala Mail Inspector. Sostna li fl-1987 saret ingustizzja mieghu meta harget call for applications ghal Mail Inspector. Qal li qabzuh tnax-il persuna u ghalhekk sostna li suppost li lehaq Mail Inspector fl-1988. Zied li mir-rizultat li pprezentat is-socjeta Posta Ltd. jidher car li ma sarx minhabba t-twemmin politiku tieghu. Inghata 50 marka u kien hemm min lahaq b'51 marka. Tilef id-differenza fil-paga bejn Mail Officer u Mail Inspector.

In kontro-ezami r-rikorrent xehed li d-differenza fil-paga bejn Mail Officer u Mail Inspector hija ta` Lm856 fis-sena u din tilifha bejn l-1987 u l-1989. Semma li kien hemm numru ta` nies li kellhom jilhqu biz-zmien waqt li kien hemm ohrajn jiddependu mill-interviews. Semma li ghalkemm ghadda l-ahhar wiehed li sar gab marka aktar minnu ghax gab 51.

Frans Zammit Haber li kien jahdem mal-Posta sal-1997 bhala Administrative Officer Postal Services xehed li kien chairman tal-Bord tal-Ghazla u kellu mieghu lis-Sur J. Farrugia u E. Scicluna. Ma ftakarx il-kriterji li uzaw izda semma li s-sistema hija li jkunu pproponew kriterji, dawn ikunu approvati mill-Establishments u mbaghad jekk applikati, juzaw lilhom. Kienu ghamlu 51 interview ghax mis-60 kien hemm min irtira.

Kien hemm minn jilhaq by seniority u kien hemm min ghadda mill-interview. Dana jfisser li bniedem malli jilhaq is-seniority

jiehu bilfors il-promozzjoni jekk ikun imissu. L-ohrajn jiehduha skond ir-rizultat tal-interview. Mir-rapport li jkun hemm l-order of merit.

Is-Sur Scott Officer in charge mill-Human Resources mal-Maltapost xehed li fiz-zmien in kwistjoni tal-1987 kien ghadu d-Dwana u ghalhekk li jaf huwa mid-dokumenti pero` fl-1990 kien Assistant Postmaster. Dwar diversi gradi fil-kaz tal-promotion fosthom ta’ Mail Officer ghal Mail Inspector il-pozizzjoni kienet regolata b` din is-sistema u cioe` illi 60% ta’ dawk li jigu promossi jridu jigu promossi by seniority waqt li l-40% l-ohra kienu dipendenti minn efficiency and merit.

Fil-kaz tas-seniority jimxu by departimental grades u strettament by seniority gol-Posta biss. Dwar dawk li jimxu by efficiency and merit il-procedura hi li l-Postmaster General jikteb lill-OPM, jghidilhom li hemm il-vacancies u n-numru ta’ kemm hemm vacancies. Imbaghad isir l-ezami li hu ezami permezz ta’ interview.

Fil-kwistjoni ta’ efficiency and merit il-Postmaster General ma kien jidhol xejn. Kull ma kien jaghmel hu li jattira l-attenzjoni tal-MPO li hemm il-vakanzi. In segwitu li l-Postmaster General jikteb lill-MPO, dana jikteb lill-Public Service Commission li tahtar il-bord u terga’ tinforma lura lill-MPO u naturalment isir l-interview. Fil-fatt il-PSC tahtar bord li l-maggoranza tkun tad-dipartiment fis-sens li jkun hemm chairman u zewg persuni ohra u tnejn minnhom minn tad-dipartiment waqt li wiehed minn tal-OPM. Ic-chairman

dak iz-zmien kien is-Sur Zammit Haber li dak iz-zmien kien jahdem bhala operations mal-Posta. It-tnejn minn nies l-ohra kienu s-Sur Joe Farrugia li kien jahdem il-Posta wkoll u s-Sur Emy Scicluna rapprezentant tal-OPM. Il-PSC kienet anke approvat il-weightings li ghandhom jinghataw ghall-kwalitajiet tal-kandidati.

Fl-1987 ir-rikorrent ma kienx lahaq ghax hu kien lahaq aktar tard by seniority. Fl-1987 ma kienx jilhaq by seniority u ghalhekk ic-cans tieghu kien biss fuq l-efficiency and merit. F' dik l-okkazjoni kienu saru disgha b' kollox, hamsa by seniority u erbgha by merit. Dawk li saru huma Saviour Bugeja, Carmel Fenech, Spiridione Grech u Richard Galea. L-ezami jdum validu ghal sena pero` naturalment il-vacancies dejjem bir-relazzjoni tas-60% u l-40%.

Xuereb ha l-kariga ta' Mail Inspector fid-29 ta' Awissu 1989. Din hadha fuq il-bazi ta' seniority. Ghall-interviews il-bord ikollu available il-personal files tal-individwu minn fejn johorgul-elementi bhal sick leave u dettalji ohra.

Mill-files jidher li r-rikorrent kien ikollu problemi u jiehu sick leave u eventwalment il-bazi tat-talba tieghu biex jirtira mis-servizz kienet propju bazata fuq hekk. Ma jidhrux rapporti negattivi fuq ir-rikorrent mill-file.

**KONKLUZZJONIJIET:**

Illi ghalhekk irrizulta li r-rikorrent qieghed jilmenta li ma lehaqx Mail Inspector fl-1987. Issemma li kien hemm is-sistema li 60% jilhqu by Seniority u 40% permezz tal-interview. Ma hemmx

kwistjoni li r-rikorrent fl-1987 ma kienx imissu jilhaq by Seniority kif fil-fatt kien haqqu fl-1989 meta fil-fatt sar. Dan it-Tribunal dejjem qies s-Seniority bhala fattur importanti ghall-hatriet.

Fil-kawza Anthony Scicluna vs Chairman Bank of Valletta deciza fis-27 ta' Ottubru, 1998 it-Tribunal qal:
"Issa fil-fehma ta' dan it-Tribunal, s-Seniority ghandha piz kbir hafna fl-ghoti tal-promozzjonijiet u ghandha ma tigix meqjusa biss meta jirrizultaw b'mod car u inekwivoku jew kwalitajiet posittivi ohra f'xi individwi ohra li jiggustifikaw li persuna / persuni ghandha taqbez lil min imissu skond is-seniority, jew kwalitajiet negattivi f'dak li jkun imissu l-promozzjoni [skond is-seniority] li jiggustifikaw li dik il-persuna ma tinghatax il-promozzjoni. Altrimenti naslu fi stadju fejn jirrenja suprem il-favoritizmu favur xi individwi ghal ragunijiet diskriminatorji (u ghalhekk kontra l-Kostituzzjoni)." [Ara wkoll George Debono vs Brigadier AFM 28/10/98].

Izda f'dan il-kaz meta gew allokati 60% tal-postijiet ghal seniority jidher car li s-seniority gja giet moghtija importanza ghax altrimenti jekk timxi biss by seniority ma hemmx skop aktar ta' applikazzjonijiet u interviews. Ukoll fl-allokazzjoni tal-marki kien hemm Knowledge of Post 30%, Knowledge of Department 30%, Suitability / Personality 30%, u Educational Standard 10%. Ghalhekk bhala sistema t-Tribunal ma jsibx x'jiccensura fil-metodu.

Dwar il-kriterji tal-allokazzjoni tal-marki r-rikorrent ma gabx provi li dawn gew applikati hazin.  Dan it-Tribunal ma jistax jasal li saret xi ingustizzja.  Ma ingabitx xi prova li kienu preferuti nies ta' Partit Politiku, jew ta' xi Union.

Ghal dawn il-motivi jilqa' t-tieni eccezzjoni tal-intimat.

Minhabba n-natura tal-kaz spejjez bla taxxa.